MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2015

Numru. 697/2011

**Il-Pulizija**

**(Spettur Daniel Zammit)**

**Vs**

**Andrei Zerafa**

**Omissis**

**Omissis**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Seduta tat-Tnejn 2 ta' Marzu, 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Andrei Zerafa ta' 28 sena, iben Paul u Adelina nee Scicluna, imwieled Pieta' fit-12 ta' Dicembru 1982, residenti gewwa 28, Triq Dun Salv Gatt, Marsaxlokk u detentur tal-karta ta' identita' bin-numru 2883M u Omissis u Omissis talli nhar it-3 ta' Gunju 2011, ghal habta tat-tmienja u nofs ta' filghaxija (20:30hrs), gewwa Triq it-Tigrija, Marsa, ikkommettew serq minn gewwa BTY Scaffoldings Ltd, ghad-dannu tas-sidien u diretturi tal-istess kumpanija, liema delitt huwa kkwalifikat bil-valur li jaqbez mitejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bil-hin;

Lil Omissis u Omissis wahidhom akkuzati wkoll talli gewwa l-Marsa u fi bnadi ohra gewwa dawn il-Gzejjer huma naqsu milli jharsu xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqhom mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr Lawrence Quintano LL.D. fid-digriet tieghu datat 26 ta' Marzu 2010 li bih inghataw l-helsien mill-arrest taht garanzija;

Lil Omissis u Omissis wahidhom akkuzati ukoll bi ksur tal-Probation a tenur tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn gew misjuba

hatja b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u lliberati bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess artikolu;

Lil Omissis wahdu akkuzat talli rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu kif ukoll talli wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

(a) fl-artikoli 261(c)(f), 267, 270, 279(a), 280(1), 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li fis-seduta tallum l-imputat irregistra ammissjoni u wara li l-Qorti tatu zmien biex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu kkonferma l-istess ammissjoni.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant din giet sodisfacentement ippruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-fedina penali tieghu li mhix wahda netta u l-fatt li l-imputat kellu l-vizzju tad-droga u hadem hafna biex jeghleb dan il-vizzju u bena hajtu mill-gdid.

Infatti l-Ufficjal tal-Probation Gordon Grech xehed li ilu jsegwi lill-imputat minn Ottubru 2011. Meta ltaqa' mal-imputat dan kellu problema ta' abbuz tad-droga. Huwa hadem hafna biex jaqta' l-vizzju u infatti rnexxilu, sab xoghol, qieghed ighix mal-familja tieghu u qieghed ukoll f'relazzjoni stabbli hafna. Meta jehodlu *urine samples* dejjem ikunu negattivi.

In vista ta' dan, din il-Qorti tqis li piena karcerja zgur li mhux wahda idonea. Anzi l-imputat ghandu jinghata l-ahhar cans ladarba jirrizulta li ghamel hiltu kollha biex ibiddel hajtu.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c)(f), 267, 270, 279(a), 280(1), 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien tlett (3) snin.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta′ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------